# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Frar 2019**

**Kawza Numru : 33**
**Rikors Guramentat Numru : 1068/2018/LSO**

**Nedale Abdurrahman Abd Younes**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors mahluf Nedale Abdurrahman Abd Younes detentur ta' passaport Malti numru 0979833 datat 29 ta' Ottubru 2018 fejn bil-gurament tieghu kkonferma:-

Illi l-esponent twieled il-Libya fil-belt ta' Tripoli nhat it-12 ta' Settembru 1973 u dan jirrizulta mill-Att tat-Twelid mahrug mid-dipartiment tal-Affarijiet Civili tal-istat tal-Libya liema dokument huwa mmarkat Dok.A. Traduzzjoni ta' dan id-dokument ghall-Ingliz saret mil-*Libyan Maltese Cahmber of Commerce* liema dokument gie certifikat *apostile* mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (Dok.B).

Illi l-isem u l-kunjom tal-esponent skont it-traduzzjoni ghandu jaqra Nidal Abdulrahman Ben Younes u dan kif jirrizulta wkoll mill-passaport Libyan tal-esponent. (Dok. C).

Illi skont estratt tal-Istat Civili dwar l-att tat-twelid mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta (Dok D) isem u l-kunjom tal-esponent huma mnizzla Nedale Abdurrahman Abd Younas.

Illi jirrizulta li meta saret l-ewwel traduzzjoni sabiex jigi registrat l-Att tat-Twelid Libyan tal-esponent mar-registru Pubbliku, kien hemm zball tal-ortografija fit-traduzzjoni.

Illi l-izball li sar fl-ewwel traduzzjoni gie ccarat u kkoregut fit-traduzzjoni hawn annessa (Dok.B).

Illi l-esponenti ghandu interess illi l-Att tat-Twelid tieghu jkun jirrifletti l-isem u kunjom li hu u l-familja tieghu konsistentement juzaw bhala l-isem u kunjom li bih jissejjah u hu maghruf, cioe' Nidal Abdulrahman Ben Younes minflok l-isem u l-kunjom Nedale Abdurrahman Abd Younas li jidher fl-Att tat-Twelid tieghu;

Illi ghalhekk l-esponenti jrid li l-isem Nedale u l-kunjom Abdurrahman Abd Younas jigi kkancellat minn fuq l-Att tat-Twelid u jiddahhal minflok l-isem Nidal Abdulrahman u minflok il-kunjom Abd Younas ghandu jiddahhal il-kunjom Ben Younes u l-esponent jigi jidher bl-isem u kunjom ta' Nidal Abdulrahman Ben Younes.

Illi l-fatti hawn fuq esposti huma kollha maghrufa lill-esponenti personalment.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi jghid l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-esponenti huwa konsistentement imsejjah u maghruf bl-isem Nidal Abdulrahman Ben Younes u mhux bl-isem Nedale Abdurrahman El Taher Abd Younas;

2. Tordna ghalhekk li l-isem u kunjom Nidal Abdulrahman Ben Younes jigi registrat fuq l-Att tat-Twelid tal-esponenti mahrug mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, minflok l-isem u kunjom Nedale Abdurrahman El Taher Abd Younas b'dana li l-imsemmi Att jigi emendat fis-sens li l-isem u l-kunjom tal-esponenti ghandhom jaqraw Nidal Abdulrahman Ben Younes.

3. Taghti kull provvediment iehor opportun u necessarju sabiex issir ir-registrazzjoni u konsegwenti emenda fl-Att tat-Twelid tal-esponenti a tenur tat-tieni talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur tar-Registratur Pubbliku, minn issa imsejjah ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 7 ta' Dicembru 2018 (fol 19) fejn l-Avukat Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi illi l-ligi nostrana taghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

2. Illi bla pregudizzju ghal premess u fil-mertu, l-esponent jirrileva li huwa ma huwiex edott mill-fatti hekk kif iddikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-attur twieled fi Tripoli, il-Libja fis-sena 1973 u sussegwentament tali twelid gie registrat gewwa Malta *ai termini* tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi l-esponent irregistra l-Att tat-Twelid tal-attur wara talba maghmula taht l-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Flimkien mat-talba li saret, gew forniti wkoll id-dokumenti kollha mehtiega, *inter alia,* l-Att tat-

Twelid esteru u t-traduzzjoni tal-istess, hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 1' u 'Dok. DRP 2'. Ghaldaqstant l-esponent wara li kien sodisfatt li r-rekwiziti tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfatti, ghadda ghar-registrazzjoni tal-istess Att billi *ad verbatim* giet imnizzla l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att esteru. Dan ifisser illi *stante* li fl-Att tat-Twelid esteru, u dan skont it-traduzzjoni fornita lid-Direttur konvenut, isem l-attur tnizzel bhala 'Nedale Abdurrahman Abd Younas', id-Direttur kellu l-obbligu li fir-registrazzjoni tal-Att tat-Twelid, inizzel l-istess informazzjoni;

5. Illi *stante* s-suespost u kif ukoll mid-dokumenti esebiti mill-esponent, ma jirrizultax mill-Att ta' Twelid tal-attur, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 3', li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 4191 tas-sena 2000, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

6. Illi bla hsara ghas-suespost, l-esponent jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat ma jikkombacux mat-traduzzjoni li giet annessa mal-imsemmi rikors, li l-intiza tal-istess kienet li ticcara u tikkoregi l-allegat zball li jinsab fl-ewwel traduzzjoni. Dan qed jinghad ghaliex, fir-rikors tieghu, l-attur qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeciedi u tiddikjarah bhala 'Nidal Abdulrahman Ben Younes' u li tali jigi rifless fl-Att tat-Twelid tieghu, filwaqt li fit-traduzzjoni l-gdida isem l-attur huwa 'Nidal Abdulrahman El Taher Ben Younes';

7. Illi l-esponent, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza huwa jirrimetti ruhu, salv li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi u dan anke' jekk ghandu jsir permezz tan-nomina ta' esperti sabiex jiddeterminaw ezattament l-isem tal-attur;

8. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ngunt in subizzjoni

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 7 ta' Frar 2019 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Dominic Micallef ghall-attur. Dehru Dr Stephanie Ellul u Dr Neil Harrison ghad-Direttur intimat. Dr Dominic Micallef b'referenza ghas-sitt (6) eccezzjoni talab korrezzjoni fir-rikors guramentat fis-sens li fl-ewwel (1) u fit-tieni (2) talbiet wara l-isem "Abdulrahman" jizdied l-isem "El Taher". It-talba mhix opposta. Il-Qorti laqghet it-talba u tordna l-korrezzjonijiet imsemmija. L-intimat ta ruhu b'notifikat bir-rikors guramentat kif korrett. Dr Micallef iddikjara li Ben Younes huwa l-kunjom tal-attur.
Dr Micallef iddikjara wkoll li ghalaq il-provi. Dr Ellul strahet fuq l-atti esebiti u rrimettiet ruhha ghal decizjoni tal-Qorti. Il-kawza giet differita ghal sentenza *in difetto ostacolo* ghat-28 ta’ Frar 2019 fid-9:30a.m., b'dan illi hemm qbil bejn id-difensuri tal-partijiet li jekk il-Qorti jidhrilha li hu xieraq, tigi nominata traduttrici fil-mori.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fil-31 ta' Ottubru 2018 (fol 15).

Referibbilment ghas-sitt eccezzjoni tal-intimat, din hija sorvolata, bit-talba tar-rikorrent ghall-korrezzjoni fit-talbiet fis-sens li fl-ewwel u fit-tieni talbiet wara l-isem "Abdulrahman" ghandu jizdied l-isem "El Taher". Din il-korrezzjoni giet awtorizzata b'digriet datat 7 ta' Frar 2019. Ghalhekk, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt eccezzjoni.

Illi r-rikorrent qed jitlob li jigi korrett l-att tat-twelid tieghu kif registrat f'Malta, billi l-isem "Nedale Abdurrahman Abd Younas" jigi sostitwit b' "Nidal Abdulrahman El Taher Ben Younes."

Illi r-registrazzjoni in mertu saret abbazi tal-**artikolu 244 tal-Kap 16** li jiddisponi li:

*"**244**.(1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

Illi f'kazijiet smili, fejn jintalab li jigi prodott Att tat-twelid jew att ufficjali iehor, redatt f'pajjiz iehor, dan jigi registrat skont id-dettami tal-istess artikolu 244, billi jigi riprodott dak imnizzel fic-certifikat esteru. Illi hija proprju f'dan is-sens, ir-raba' eccezzjoni tad-Direttur intimat, fejn gie eccepit, li *stante* li fid-dokumenti esteri tar-rikorrent, fl-original ta' l-att tat-twelid esteru tar-rikorrent u t-traduzzjoni, li gew moghtija lir-Registru Pubbliku, u li huma esebiti bhala Dok DRP1 u DRP2 mar-risposta ta' l-intimat (fol 22-23). Ghalhekk, ir-registrazzjoni saret f'Malta abbazi tad-dokumenti Dok DRP1 u Dok DRP2. Illi r-registrazzjoni ssir skont dak imnizzel fic-certifikat esteru kif tradott.

Ikkunsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Fil-mertu, ir-rikorrent ghandu jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li jipprova kif kien konsistentement maghruf sabiex tigi accertata l-identita` tal-persuna.

Ir-rikorrent spjega fir-rikors promotur, li meta saret l-ewwel traduzzjoni sabiex jigi registrat l-att tat-twelid tieghu f'Malta, sar zball tal-ortografija u b'hekk ismu tnizzel bhala "Nedal Abdurrahman Abd Younas" minflok "Nidal Abdulrahman Younes."

Illi r-rikorrent esebixxa kopja tat-traduzzjoni ta' l-att tat-twelid bi traduzzjoni tieghu Dok B anness mar-rikors promotur (fol 5-6) fejn ismu jidher indikat bhala "Nidal Abdulrahman El Taher Ben Younes". *Di piu`*, esebixxa wkoll kopja tal-passaport Libjan, Dok C fejn ismu jidher indikat bhal "Nidal Abdulrahman Younes."

Inoltre`, huwa xehed permezz ta' affidavit, fejn ikkonferma li hu twieled fil-Libya fit-12 ta' Settembru 1973, kif jidher mill-att esteru esebit bhala Dok A. Hu spjega li skont it-traduzzjoni esebita Dok B u skont il-passaport tieghu, li kopja tieghu hija esebita Dok C, ismu u kunjomu ghandhom ikunu "Nidal Abdulrahman Ben Younes." Hu qal li meta gie biex jigi registrat l-att tat-twelid tieghu f'Malta, kien hemm zball tal-ortografija fit-traduzzjoni, liema zball gie kkorregut fit-traduzzjoni esebita bhala Dok B.

Referibbilment ghall-ewwel eccezzjoni tal-intimat, huwa minnu li l-artikolu 253 jaghti lok ghal korrezzjonijiet fl-ismijiet mhux fil-kunjomijiet. Izda fil-kaz in ezami, dak li qed jintalab huwa li jigi korrett zball fl-ortografija fil-mod kif

inhu spellut il-kunjom, u mhux li jinbidel il-kunjom. L-artikolu 253(1) jipprovdi li tista' tintalab korrezzjoni ta' registrazzjoni u ma jispecifikax x'tip ta' zball jista' jigi korrett.

Fid-dawl tad-dokumenti esebiti u tal-imsemmi affidavit, din il-Qorti ser takkolji t-talbiet tar-rikorrent.

Izda, taqbel ma' dak eccepit mid-Direttur intimat, li ma jirrizultax li sar zball da parti tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, ghalhekk l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dan il-kaz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimat kif spjegat, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrent hu konsistentement maghruf bhala "Nidal Abdulrahman El Taher Ben Younes".

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimat jikkoregi l-att tat-twelid tar-rikorrent bin-numru 4191/2000 billi ismu u kunjomu kif hemmhekk indikati ghandhom ikunu "Nidal Abdulrahman El Taher Ben Younes".

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Frar 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Frar 2019**